# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Gunju , 2002.**

**Numru 4**

**Citaz. Nru. 587/02GV**

**Av. Carmel Chircop mandatarju specjali tas-socjeta' estera Seaway Marine Trading BV u l-istess socjeta ghan-nom tas-socjeta estera Seaway Supply BV**

**vs**

**Veloce Shipping Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjetajiet esteri SEAWAY MARINR BV u SEAWAY SUPPLY BV huma kredituri tas-socjeta' maltija VELOCE SHIPPING COMPANY LIMITED fl-ammont ta' EURO 50.622.62 [circa ghoxrin elf u tlett mitt liri maltin (Lm20,300)] ;

Premess illi s-socjeta' konvenuta hija sid il-bastiment Mv "WEST TRADER" registrat taht il-bandiera Maltija b'numru ufficjali 4741 – Call sign 9HWE4 ;

Premess illi dan l-kreditu jirraprezenta forniment ta' provisti necessarji inkluz konsenji ta' makinarju, kif wkoll servizzi ohra necessarji ghal-bastiment ;

Premess illi s-socjetajiet attrici talbu lis-sidien tal-bastiment diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont dovut u minkejja dan huma baqghu inadempjenti .

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut ma ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti.

Ghaldaqstant, l-attur nomine talab lil din il-Qorti in vista tal-premess ;

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' EURO 50.622.62 [circa ghoxrin elf u tlett mitt liri maltin (Lm20,300)] ;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li bih ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine ghal ammont ta' EURO 50,622.62 ekwivalenti ghas-somma ta' ghoxrin elf sitt mija u tnejn u tmienin liri Maltin (Lm 20,682) skond ir-rata tal- kambju tal-23 ta' Mejju, 2002 data li fiha giet presentata c-citazzjoni, bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**